**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 19 ta' Novembru, 2019

Rikors Nru : 197/16 AL

**A B C**

**Vs**
**D B C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

(1) Illi l-kontendenti zzewwgu nhar it-30 ta' Ottubru 2003 fir-Registru Pubbliku;
(2) Illi z-zwieg tal-kontendenti huwa regolat b'kuntratt ta' separazzjoni tal-assi datat it-13 ta' Awwissu 2008, fl-Atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono 'Dok A';
(3) Illi miz-zwieg tal-partijiet hemm tifel wiehed bl-isem ta' E B C u li llum ghandu tnax-il sena;
(4) Illi l-Bja konjugD giet resa impossibbi minhabba abbandun da parti tal-intimat u minhabba sevizzi, ingurji u inkompatibilita' ta' karattru da parti tal-intimat;

(5) Illi l-partijiet ilhom mifrudin de facto minn xulxin ghal aktar minn sitt snin;
(6) Illi r-rikorrenti fis-6 ta' April 2016 talbet lir-registratur tal-Qrati Civili (Sezzjoni Familja) tappunta medjatur mil-lista taht ir-Regolament 4(3) tal-Avviz LegD 397/2003 sabiex l-istess medjatur jipprova jwassal il-partijiet ghal ftehim dwar is-separazzjoni;
(7) Illi minkejja li saru diversi seduti quddiem il-medjatrici Antoinette Gatrutter il-partijiet ma waslux ghal rikonciljazzjoni u lanqas ghal separazzjoni konsenswD u dan ghDex l-intimat dejjem naqas milli jattendi ghal tD seduti;
(8) Illi ghalhekk il-medjatrici kellha taghlaq tD medjazzjoni u l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personD permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) bin-numru 1787/16 datat 6 ta' Lulju 2016 hawn anness u mmarkat bhala Dok 'B';

Talbet, ghar-ragunijiet fuq hawn fuq indikati, li l-intimat ighid ghDex din il-Qorti m'ghandhiex:

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-intimat kif hawn fuq premess;
(2) Tawtorizza lir-rikorrenti tghix separata minn mal-intimat;
(3) Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri E tkun moghtija esklussivament lir-rikorrenti;
(4) Tordna illi r-rikorrenti jkollha is-setgha illi tiehu d-decizjonijiet kollha fir-rigward tal-minuri E, wahedha u mingBr bzonn tal-kunsens jew awtorizzazzjoni tal-intimat;
(5) Tikkundanna lill-intimat ihallas manteniment lir-rikorrenti personD u kif ukoll manteniment ghall-minuri E;
(6) Tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi fosthom fl-Art 48 et seq tal-Kodici Civili;
(7) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registratur Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta tal-konvenut, li permezz taghha jikkonferma :

1. Illi l-esponenti mhuwiex qieghed jikkontesta t-talba tas-separazzjoni pero t-tort hija tort tar-rikorrenti u dan minhabba indhil tal-familja taghha;
2. Illi l-esponenti qieghed jkkontesta t-talba ghall-kura u l-kustodja stante li jrid il-kura u l-kustodja kongunta;
3. Illi l-esponenti qieghed jikkontesta r-raba talba ghax irid jiehdu decizjonijiet kongunti ghar-rigward it-tfal;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semgħet lix-xhieda li tressqu, rat il-provi li ġew prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawza tħalliet għas-senenza għallum;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti għandha quddiemha azzjoni fejn ir-rikorrenti qed titlob il-ħall taż-żwieġ bejn il-kontendenti, qed titlob ukoll li tiġi fdata esklussivament il-kura u l-kustodja tal-minuri E. Hija qed titlob ukoll li r-rikorrent jiġi kkundannat ihallas il-manteniment għall-minuri E.

Il-fatti tal-każ fil-qosor huma s-segwenti. Il-partijiet iżżewġu fil-31 ta' Ottubru 2003. Minn dan iż-żwieġ twieled E fit-30 ta' April 2004. Jirrizulta li l-partijiet għamlu kuntratt ta' separazzjoni tal-assi datat 13 ta' Awissu 2008, esebit bħala Dok A. Jirriżulta wkoll li l-partijiet ilhom mifrudin *de facto* minn xulxin għal aktar minn sitt snin. Sussegwentement ir-rikorrenti fis-6 ta' April 2016 talbet sabiex permezz tal-medjazzjoni, il-partijiet jaslu għal ftehim dwar is-separazzjoni, iżda minkejja dan il-partijiet ma waslux għar-rikonċiljazzjoni jew separazzjoni għax l-intimat naqas milli jattendi, għalhekk, il-medjazzjoni ingħalqet u l-partijiet ġew awtoriżżati

jipproċedu bis-separazzjoni kif jidher minn digriet Numru 1787/16 datat 6 ta’ Lulju 2016, anness u mmarkat bħala Dok B.

**PROVI**

**A B Mouusa** xehdet permezz ta’ affidavit[1] fejn qalet li hi u D żżewġu f’Ottubru 2003, u fit-30 ta’ April 2004 twieled binhom E. Spjegat li ta’ sena u nofs saru jafu li t-tifel għandu kundizzjoni serja ħafna ta’ ‘cerebral palsy’. Semmiet li D kien jaħqarha u jsawwatha, u s-swat beda jiżdied tant li xi drabi faqalha l-vini ta’ saqajha, minbarra inċidenti oħra ta’ tkissir fil-garaxx ta’ missierha u meta pprova jsuq fuqha bil-vettura li kienet tagħha. F’okkażjoni minnhom sabet li kien ftiehem li se jmur jieħu pizza ma mara oħra flimkien bit-tifel waqt li hi kienet se tkun xoghol. Minħabba li għamlitlu reżistenza kien ittenta jsuq għal fuqha u wara li warrbet immedjatament baqa’ dieħel fil-bieb tal-garaxx. Sussegwentement, għamlitlu rapport l-Ghassa, u ftehmu li jinfirdu fil-preżenza tal-Ispettur Stephen Gatt. Sussegwentement, minħabba x-xogħol, kienet qed tħalli lil E ma’ D u sussegwentement ftehmu li jerġgħu jmorru joqgħodu flimkien, iżda kien rega’ beda s-swat, u l-moħqrija regolari, sakemm kien hemm inċident li beda jsawwatha quddiem it-tifel, u meta kienu ġew il-Pulizija, D kien qal li kien qed jiġi msawwat iżda E kien tkellem u qal li dan ma kienx minnu u li kien D li beda jsawwat lil ommu u binha kien talabha biex jitilqu mid-dar. Semmiet li ppakjat basket ta’ malajr u kienet ċemplet ħabiba tal-qalb u offritilha li jorqdu għandha għall-lejl. Dan kien fis-6 ta’ April 2010. Minn dakinhar qalet li ma reġgħetx ħarset lura u bdiet ħajja ġdida mingħajr D u mingħajr swat u moħqrija, u bdiet tgħix fid-dar ta’ missierha. Meta miet missierha hi biegħet id-dar ta’ missierha u marret toqgħod go penthouse f’Birkirkara u għamlitha aċċessibbli għat-tifel. Semmiet li fis-seba’ snin li ilhom mifrudin hi u D kull ma ta lit-tifel kien 150 Ewro u Television. Spjegat li issa hi u D ilhom seba’ snin mifrudin u hi bdiet proceduri ta’ separazzjoni b’medjazzjoni u ħafna drabi hu ma attendiex. Spjegat li m’hemmx assi fiż-żwieġ għax qatt ma nxtara xejn waqt iż-żwieġ tagħhom, u fit-13 ta’ Awissu 2008, u f’kull każ, kienet għamlet kuntratt quddiem in-Nutar ghas-separazzjoni tal-assi, li hi esebiet bħala Dok A u Dok LM1 ma’ l-affidavit.

[1] Affidavit Fol. 25.

**F G H** xehdet permezz ta' affidavit[2] u qalet li ilha taf lil A u lil E għal dawn l-aħħar erba' snin u tista' biss tiddeskriviha bħala dedikata f'kull sens għal binha li għandu bżonn kura speċjD. Qalet li A tassigura f'kull ħin li E ikollu kull ma jeħtieġ u toffrilu anke s-support kollu fl-edukazzjoni.

**Father I J** xehed permezz ta' affidavit[3] u kkonferma li f'April 2010, is-surmast tal-iskola primarja ta' Santa Venera kien laqqgħu ma' A u ma' E, sabiex E li kien student f'din l-iskola jibda jieħu servizzi ta' 'respite' mid-Dar tal-Provvidenza billi ommu kienet taħdem bil-lejl, u kien hemm żmien meta d-dar offriet 'respite' fit-tul għal E peress li ommu kellha bżonn tagħmel operazzjoni. Qal li fil-preżent, ir-rikorrenti tieħu lil binha għat-terapija fil-pixxina terapewtika tad-dar, u dejjem ammira l-imħabba u d-dedikazzjoni tagħha għal binha.

<u>Rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr. G Muscat</u>

Illi wara lii Dr. Muscat iltaqgħet mal-partijiet kollha ikkonċernati fosthom il-minuri E, hi kkonkludiet hekk fir-rapport tagħha.[4]

1. Il-kura u l-kustodja tal-minuri tkun esklussivament f'idejn l-omm.
2. Il-missier jikkontribwixxi bin-nofs għall-ispejjez mediċi, tal-bżonnijiet speċjD u edukattivi tat-tifel anki b'mod retroattiv mill-2010.
3. Ic-'children's allowance' u 'd-disability allowance' tal-minuri tibqa' tirċevihom l-omm.
4. Ir-residenza ewlenija tal-minuri tkun dik tal-omm.
5. Ma jkunx hemm aċċess tal-missier għall-minuri sakemm ma jiddeċidix il-minuri stess.

<u>PRINĊIPJI LEGD</u>

[2] Affidavit Fol 37.
[3] Affidavit Fol. 38.
[4] Rapport Fol 49-50.

Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkonsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawza Jennifer Portelli pro et noe vs John Portelli[5], intqal: "Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokD hija regolata mil-prinċipji tal-aqwa utilita` u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikoulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, r-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevD dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment."

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs Il Reverendo George Lawless[6], il-Qorti kienet qalet illi "la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra I conjugi, che si riconoscera` piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo allo loro eta`, ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvediemnti, che si peputino spedienti del vantaggio di tD figli."

Illi ingħad ukoll fil-kawza fl-ismijiet John Cutajar vs Amelia Cutajar et[7], u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna[8], illi "apparti l-ħsieb ta' ordni morD u dak ta' ordni legD, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerD, il-prinċipju dominant 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'din il-kawża, huwa dak tal-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantaġġ u interess tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personD u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut……"

Għaldaqstant, il-Qorti għandha s-setgħa li jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dan ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodici Civili[9].

---

[5] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Gunju 2003, Citazz Numru 2668/1996/2RCP;
[6] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Dicembru 1858;
[7] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956
[8] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003 (Cit. Nru. 1715/2001/1) (RCP).
[9] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi li l-prinċipju legD tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodici Civili li jistipula "**Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi.**" L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "**Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturD u aspirazzjonijiet ta' l-ulied**."

Għalhekk, abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 20 tal-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Illi meta l-Qorti tiġi biex tistabilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad johroġ ir-riżultat. Iżda, fl-artikolu 20 tal-istess Kapitlu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

**(1). Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.**

**(2). Fl-istħarriġ sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' ohra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.**

**(3). Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.**

**(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.**

**(5) Meta jinqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess beneficcju taħt trust**.

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGD GĦALL-KAŻ ODJERN

Dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri, jirriżulta fil-każ in eżami illi l-intimat ma wera ebda interess fil-kura u fil-kundizzjoni speċifika li minnha jbati ibnu. Jirriżulta mill-assjem tal-provi, li kienu fi ftit okkażjonijiet li kien mar jara lil ibnu, fl-aħħar okkażjoni kienet meta rah ġo l-istabbiliment ta' Mcdonalds. Illi fil-każ in ezami mhux talli l-intimat inqata' minn ħajjet ibnu għal medda ta' snin, talli kien ibnu stess li anke meta gie interrogat mill-avukat tat-tfal maħtur mill-Qorti stqarr, li ma jixtieqx ikollu kuntatt ma' missieru. L-intimat innifsu ma ċaħadx li kien hemm vjolenza fil-preżenza ta' ibnu, tant li baqa' ma weġibx, meta interrogat mill-istess avukat tat-tfal. Għalhekk, jista' jingħad li l-intimat, ċertament ma ppartecipax fit-trobbija u l-kura tal-minuri E fl-aħħar snin, kemm ilu separat *de facto* minn mar-rikorrenti.

Min-naħa l-oħra, r-rikorrenti weħedha ħadet ħsieb it-trobbija u l-kustodja tal-minuri, b'dedikazzjoni għall-kundizzjoni speċifika ta' 'cerebral palsey' li jbati minnha, billi anke tieħdu ghat-terapija fil-pixxina, kif ikkonferma Father I J. Inoltre`, hi ħadet ħsieb it-trobbija u l-bżonnijiet kollha mediċi u skolastiċi u rabbietu finanzjarjament hi.

Minkejja li l-intimat, tramite t-tieni eċċezzjoni ikkontesta t-talba tar-rikorrenti għall-kura u l-kustodja tal-minuri, u minkejja l-kostestazzjoni tar-raba' talba fit-tielet eċċezzjoni, billi l-intimat qed jitlob li jittieħdu deciżjonijiet konġunti fir-rigward tal-minuri, din il-Qorti trid tgħarbel u tindaga l-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ. Fid-dawl tar-riżultanzi fattwD, u tar-rapport tal-avukat tat-tfal, din il-Qorti tiċħad dawn l-eċċezzjonijiet tal-intimat.

Għalhekk, in vista tas-suespost, il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri E esklussivament u unikament f'idejn ir-rikorrenti. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, m'hemmx lok li jkunu stabbiliti ħinijiet tal-aċċess favur l-intimat.

Referibbilment għall-manteniment, jirriżulta mir-rapport tal-avukat tat-tfal, li l-intimat sostna li huwa jirreġistra għax-xoghol u ma jaħdimx, nonostante li ilu igħix f'Malta għal erba' snin sħaħ. Ma tressqet l-ebda prova dwar il-fatt li hu jirreġistra għax-xogħol u ma jaħdimx. Wisq anqas inġiebet prova dwar kemm kien jaqla' jekk u meta kien jaħdem. Ma nġiebet l-ebda prova preċiza lanqas dwar l-ispejjeż meħtieġa għall-minuri u l-ispiża mensili neċessarja għat-trobbija tiegħu. Madankollu, minkejja li ma nġabux provi sodisfaċenti biex il-Qorti fiċ-ċirkostanzi tistabilixxi manteniment ġust u ekwu, xorta waħda ser tgħaddi biex tiffissa manteniment għall-minuri. Jirriżulta li E, iben il-kontendenti għandu hmistax il-sena u għalhekk għadu minuri.

Illi l-obbligu tal-intimat li jħallas manteniment evidentement għadu viġenti għDex tD obbligu huwa intrinsiku mal-fatt li persuna tkun ġenitur. Indubbjament, id-deċiżjoni tal-Qorti ma tistax tkun mod ieħor. Għaldaqstant, il-Qorti ser tordna li f'dan il-każ jithallas ftit anqas mill-medja applikabili fil-ġenerDta tal-każi miġjuba minħabba li l-intimat sostna li ma jaħdimx, iżda l-obbligu tal-manteniment huwa regolat bil-liġi.

## Talba għal Ħall taż-Żwieġ

Illi l-ewwel talba fir-rikors promotur hija għall-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi B C li kienu żżewġu nhar il-31 ta' Ottubru 2003.

Illi biex tintlaqa' talba għax-xoljiment taż-żwieġ, ossija d-divorzju, il-Qorti trid tkun sodisfatta li:

a) Fid-data li ġiet istitwita t-talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal mill-anqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-anqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legD; u

b) Ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

c) Il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont ic-cirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm mahsub fl-artikolu 57.

Jirrizulta mir-riżultanzi fattwD tal-każ, li l-konjuġi, partijiet f'dan il-każ, ilhom mifrudin *de facto* għal aktar minn sitt snin, minn meta r-rikorrenti telqet mid-dar flimkien ma' binha u marret toqgħod għand missierha, f'April 2010, kif ikkonfermat fl-affidavit ġuramentat ir-rikorrenti.

Ir-rikorrenti ppruvat li m'hemm l-ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet. Fil-fatt, in sostenn għal dan, hi ppruvat li kienet bdiet proċeduri ta' separazzjoni u saru diversi seduti ta' medjazzjoni quddiem il-medjatriċi Antoinette Gatt Rutter, u l-partijiet ma waslux għal rikonċiljazzjoni u lanqas għal separazzjoni konsenswD, peress li l-intimat dejjem naqas li jattendi għas-seduti. Għalhekk, in segwitu, l-medjazzjoni ingħalqet, u l-partijiet ġew awtorizżati jipproċedu bis-separazzjoni personD permezz ta' digriet datat 6 ta' Lulju 2016 esebit bħala Dok B mar-rikors promotur.

Illi minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ u l-vjolenza li ra b'għajnejh il-minuri E, ir-rikorrenti ma kinitx qed tirċievi l-manteniment għall-minuri mingħand il-missier stante li rrinunzjat għal dan. Fil-fatt, it-talba sabiex il-missier iħallas il-manteniment għall-minuri E intalbet fil-każ odjern mid-data ta' din is-sentenza 'il quddiem. Għalhekk it-tielet rekwiżit għall-ħall taż-żwieġ huwa wkoll sodisfatt.

**DECIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement

1. Tilqa' l-ewwel talba u tipronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-kontendenti.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tawtoriżża lir-rikorrenti tgħix separata mill-intimat.

3.Tilqa’ t-tielet talba u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri E tkun mogħtija esklussivament lir-rikorrenti.

4.Tilqa’ r-raba’ talba u tordna li r-rikorrenti jkollha s-setgħa illi tieħu d-deċiżjonijiet kollha fir-rigward tal-minuri E, weħedha u mingħajr bżonn tal-kunsens jew awtoriżżazzjoni tal-intimat.

5. Tilqa’ l-ħames talba limitatament għall-manteniment tal-minuri, u tikkundanna lill-intimat iħallas manteniment ta’ Ewro 150 kull xahar, għall-minuri, liema somma tirrapreżenta il-manteniment ordinarju dovut għall-wild, kif ukoll il-kontribuzzjoni tal-missier versu l-ispejjeż tas-saħħa u tal-edukazzjoni tal-minuri. Dan l-ammont jogħla kull sentejn skont l-indici tal-għoli tal-Bja. Dan il-manteniment jibqa’ jithallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta’ tmintax-il sena jew jibda jaħdem fuq bażi *full-time*, skont liema eventwDta tavvera ruħha l-ewwel. F’każ illi l-wild jibqa’ jistudja, fuq bażi *full-time* wara li jilħaq maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa’ jithallas mill-intimat lir-rikorrenti sakemm il-wild jagħlaq l-eta ta’ tlieta u ghoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwDta` tavvera ruħha l-ewwel. Kemm il-darba l-wild imur jgħix għal rasu wara li jagħlaq tmintax-il sena u jibqa` jistudja fuq bażi “*full-time*” sal-eta` ta’ 23 sena, il-manteniment jitħallas direttament lilu. Kwalunkwe benefiċċju soċjD u benefiċċju ta’ diżabilita` in konnessjoni mal-minuri, inkluż ‘children’s allowance’ għandu jkun perċepibbli mir-rikorrenti.

6. Tilqa’ s-sitt talba u tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kontemplati fil-liġi fosthom dawk fl-artikolu 48 et seq tal-Kodiċi Ċivili.
7. Tilqa’ s-seba’ talba u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fiż-żmien xahar mill-preżenti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

Ft. Dr. Abigail Lofaro
Imħallef

Ft. Rita Vella Baldacchino
Dep. Reg.